MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 1284/2005/1

**Design Elements Limited**

**vs**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Frar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2005 fejn intalab il-hlas a' elf tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1348.20) ammont dovut mis-socjeta` konvenuta ghall-servizzi inkluz kiri ta' prodotti (product booths) maghmula lilha mis-socjeta` attrici.
Is-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 ta' Lulju, 2005, fejn intqal :
i. Illi t-talba attrici hija preskritta that l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili;
ii. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost l-konvenuta qatt ma kienet intrabtet li thallas l-ammont in kwistjoni, u l-ammont mitlub mhux dovut minnha;
iii. Illi t-talbiet attrici huma, bla pregudizzju ghas-suespost, infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi
iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta' Joseph Micallef u Noel Schembri. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Il-kaz jirrigwarda hlas fuq servizzi, inkluz kiri ta' prodotti lis-socjeta` konvenuta.
2. Il-konvenut qed jghid li hawn si tratta ta' location operas, li hemm id-dritt tat-terminazzjoni a diskrezzjoni tal-parti, pero` f'kaz ta' terminazzjoni ikun hemm dritt ghad-danni.
3. Is-socjeta` attrici qed tikkontesta li qatt ma kien hemm terminazzjoni kif qed tghid is-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici tghid ukoll li sar hlas wara l-allegata terminazzjoni.
4. Bhala fatti, Joseph Micallef, Direttur tas-socjeta` attrici, jghid li kienu tqabbdu mis-socjeta` konvenuta biex jiddisenjaw kjosk u sitta bhalu, u dawn kellhom jintuzaw ghall-tlett snin konsekutivi. Dawn kienu bil-prezz ta' mija u disghin lira (Lm190) kull unit, li ghalhekk moltiplikat b'sitta igib l-ammont reklamat fl-avviz. L-istess xhud esebixxa fax, Dok.JM1, mibghuta mis-socjeta` attrici datata 10 ta' Mejju, 2002, li hi l-"quotation" dwar il-prodotti mitluba. Fuq din l-istess fax hemm il-kliem bil-miktub: "Alberto pls proceed" u firma. Skond l-istess Micallef kien Alberto Ebejer li accetta l-"quotation". Jghid ukoll li s-socjeta`

konvenuta hallset ghas-snin 2002 u 2003, Dok.JM2 u JM3, pero` ma sarx il-hlas ghas-sena 2004 Dok.JM4. meta s-socjeta` attrici ikkuntattjat lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas, jinghad li certu Noel Schembri qal li huma qatt ma kienu ordnaw xejn. L-ahhar pagament li hadet is-socjeta` attrici kien fil-15 ta' Ottubru, 2003.

5. Noel Schembri xehed li kien baghat il-fax Dok.RR1, datat 4 ta' Gunju, 2003 fejn informal is-socjeta` attrici li ma kienux ser jaghmlu uzu mis-servizzi provduti mis-socjeta` konvenuta ghall fiera tas-sena 2003. l-istess xhud jghid li Stephen Banavage li effettwa l-pagamenti ma kienx awtorizzat jaghmel dan. Pero` jirrizulta lid an kien fil-fatt impjegat tas-socjeta` konvenuta bhala accounts officer.

6. Jidher mid-Dok.Jm1 li dak li gie miftiehem bejn il-partijiet kien ghall-perijodu ta' tlett snin. It-Tribunal iqies li dawk il-pagamenti li saru effettivament saru minn ufficjal tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk ma hemm xejn x'juri li dawn il-pagamenti fil-fatt ma sarux hekk.

7. Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar dwar azzjonijiet ghall-kera ta' hwejjeg mobbli. Inhareg invoice Dok.JM4 sabiex ikopri is-sena 2004. Dana l-invoice huwa datat 30 ta' Gunju, 2004. Il-kawza odjerna giet prezentata fl-14 ta' Gunju, 2004. Ghalhekk din giet prezentata entro it-terminu stabilit.

8. Dwar il-kuntratt bejn il-partijiet, dan kien jorbot, u fil-fatt kien jorbot ghall-perijodu stipulat fl-istess Dok.JM1 "for the minimum of three years contract." Il-fatt illi d-debitur unilaterlament ghazel li jghid li qed jittermina dan il-kuntratt qabel il-perijodu stabilit, b'ebda mod ma jfisser li din giet accettata, u xorta ma jezonerahx milli jhallas l-ammont stipulat fil-kuntratt. Tant ma kien hemm terminazzjoni illi l-ahhar hlas mis-socjeta` attrici sar fil-15 ta' Ottubru, 2003, cioe wara li ntbaghtet l-fax tal-allegata terminazzjoni Dok.RR1.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata Art.2148(f), qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1348.20) bl-

imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta li talbet ir-revoka taghha b' dawn l-aggravji:-

(i) Ma nghatatx smigh xieraq peress illi s-sentenza kellha tkun wahda preliminari fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biss;

(ii) Fil-meritu, kellha tigi sostenuta l-preskrizzjoni eccepita minnha fit-termini ta' l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili;

Gie bosta drabi enuncjat mill-Qrati taghna illi "meta sentenza tigi moghtija bi vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali, dik is-sentenza hija nulla u fost dawn il-principji hemm dak importantissimu *audi alteram partem*" (**Kollez. Vol. XXXV P I p 514**). U gie ritenut ukoll fil-kawza "**Markiz Anthony Cassar Desain *et* -vs- Giovanni Pace *nomine***", (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 509**) illi l-principju suddett ma jkunx gie osservat meta kawza tkun inqatghet fil-mertu "bla ma jidher illi dwar dan il-mertu l-appellant kien ghadu ezawrixxa l-prova tieghu jew kellu l-opportunita` li jissottometti l-argumenti tieghu oralment";

Fl-istanza prezenti s-socjeta` appellanti qed tibbaza l-ewwel aggravju taghha fuq il-vjolazzjoni tal-precitata regola ta' gustizzja naturali. Hi qed tippretendi li saritilha din il-lezjoni ta' dan il-pricnipju fundamentali fuq l-assunt li taghmel illi ma kienetx ghalqet il-provi taghha dwar il-mertu ghaliex l-provi kienu ristretti ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni biss. Issa hu veru li skond l-Artikolu 9 (3) ta' l-Att V ta' l-1995 ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita`. B' danakollu, jekk jinstab li l-lanjanza tas-socjeta` appellanti hi fondata din mhix kwestjoni ta' semplici vjolazzjoni ta' forma f' liema kaz il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza izda tkun titratta minn

sentenza illi ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkustanzi (**Kollez. Vol. XLVIII P I p 509**);

Jinsab registrat fil-verbal tal-11 ta' Novembru 2005 (fol. 20) illi "l-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru 2005 sabiex is-socjeta` konvenuta tirregola ruhha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jekk ghandha provi rigward dan ittellaghhom maghha". Taht dan l-aspett u linejarment ma' l-insenjamenti gurisprudenzjali accennati jidher a prima vista illi l-ilment tas-socjeta` appellanti hu gustifikat. Meta mbaghad pero` jigu analizzati l-provi jidher li dawn fil-kumpless ma kienux hekk limitati ghall-fatt tal-preskrizzjoni biss izda ccentraw ukoll fuq aspetti ohra li hadu kunsiderazzjoni tal-meritu tat-talba u tad-difizi l-ohra tas-socjeta` appellanti, senjatament il-vinkolu kontrattwali u t-terminazzjoni ta' l-istess rapport negozjali li s-socjeta` appellanti tghid li ghamlet bil-*fax* taghha ta' l-4 ta' Gunju 2001 (fol. 21). Rigwardata l-materja taht din il-perspettiva din il-Qorti mhix sodisfatta illi f' dan il-kaz gie arrekat lis-socjeta` appellanti l-pregudizzju lamentat minnha u li gie lilha lez il-principju minnha invokat. L-aggravju taghha fuq dan il-punt ma jistax allura jigi akkolt;

Issa jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti illi r-relazzjoni guridika ta' bejniethom hi karatterizzata minn kuntratt ta' *locatio operis* fejn maggorment il-prestazzjoni kienet tikkonsisti f' kiri ta' *kiosks* iddisinjati u maghmula skond *specifications* maqbula (ara *Quotation* a fol. 14). Hemm konvergenza wkoll illi ghal kaz tapplika l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" [Artikolu 2148 (f), Kodici Civili];

Jirrizulta mill-provi illi l-ftehim dwar il-kiri tal-*kiosks* kellu durata ta' tliet snin. Is-socjeta` appellanti ghamlet hlasijiet korrispondenti ghas-snin 2002 u 2003 (ara fol. 16 u fol. 28) izda naqset li thallas ghas-sena 2004 (ara Invoice tas-socjeta` attrici datata 30 ta' Gunju 2004, fol. 19). Ir-raguni additata tidher li hi dik kontenuta fil-*fax* ta' l-4 ta' Gunju 2003 (fol. 21) li permezz tieghu s-socjeta` appellanti

nformat lis-socjeta` attrici illi "*we shall not be making use of your services re the hiring of 6 product booths during the International Fair of Malta 2003 edition*";

Kontra din il-kontenzjoni tas-socjeta` appellanti tressqu provi li ciononostante dak li jinghad fil-*fax* imsemmi s-socjeta` appellanti xorta wahda effettwat il-hlas ghal dik is-sena permezz ta' *cheque* mibghut fil-15 ta' Ottubru 2003 (fol. 18). Noel Schembri r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti jittanta jrattab l-effett ta' dan il-hlas billi jaghti *ad intendere* illi ma' l-*accounts officer* Stephen Banavage li baghat ic-*cheque* hemm kwestjonijiet mieghu konnessi ma' "xoghol zbaljat". Dan pero`, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax ikun ta' ebda soljev ghas-socjeta` appellanti. Dan mhux biss ghax il-hlas effettivament sar u baqa' ma giex rikjamat lura b' azzjoni ta' *indebiti solutio* izda wkoll ghaliex dik il-kancellazzjoni taghha kienet f' kull kaz ristretta ghall-edizzjoni tal-Fiera tas-sena 2003 u mhux ukoll ghal dik tas-sena 2004 li taghha qed jintalab il-hlas bid-domanda attrici;

Jista' jizdied illi l-ftehim appattwit kien wiehed ghal tliet snin u dan kellu allura jigi rispettat in kwantu ligi bejn il-kontraenti [Artikolu 992 (1), Kodici Civili]. L-istess ftehim ma kienx jikkontempla kancellazzjoni jew recess unilaterali minn xi kontraent u, allura, apparti l-konsiderazzjoni maghmula *supra*, din il-kancellazzjoni ma setax ikollha effett ghall-prestazzjoni gja esegwita jew fil-kors ta' ezekuzzjoni. Ankorke pero` dik il-kancellazzjoni kienet possibbli, il-kwestjoni kienet xorta wahda tkun dixxiplinata mid-disposizzjonijiet generali tad-dritt ghal dawk li huma l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet (Artikolu *1125 et sequitur*, Kodici Civili). In kwantu tali, it-telf indennizzabbli jikkonsisti fl-ispejjez, ix-xoghol ezegwit u t-telf tal-qligh li l-prestatur kien jottjeni kieku l-kuntratt baqa' "in korso". Dan naturalment salv il-kaz ta' inadempiment da parti tal-prestatur. "*Attesocche` la locazione d' opera, come quella delle cose, puo` sciogliersi quando una delle parti non adempisce la sua obligazione, e la scelta di costringere allo adempimento o sciogliere, appartiena a colui verso il quale si manco` all' osservanza dei patti*"

(**Kollez. Vol. XII pagna 119**). Dan mhux il-kaz hawnhekk.

Jitnissel minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha illi ebda wahda mill-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` appellanti ma timmerita akkoljiment. Jista’ biss jigi aggunt illi s-sentenza appellata hi sew motivata anke fuq il-punt tal-preskrizzjoni u mhux il-kaz li din tigi censurata minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata tat-Tribunal ikkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------